



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 27 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

11849/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0295 (NLE)

MI 400
ECO 41
ENT 118
UNECE 15

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għall-emendar tar-Regolamenti Nri 0, 13, 16, 17, 44, 55, 83, 93, 94, 95, 100, 115, 137, 144, 151, 152 u 153 tan-NU, fir-rigward tal-proposti għall-emendar għar-Regolamenti Tekniċi Globali Nri 7, 15 u 18, fir-rigward tal-proposta għall-emendar għar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.3, fir-rigward tal-proposti għal żewġ Regolamenti ġodda tan-NU dwar il-moviment tar-rivers u dwar is-sistemi ta' informazzjoni ta' waqt it-tluq tal-vettura, u fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) .../2020

ta'...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi
tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti
fir-rigward tal-proposti għall-emendar tar-Regolamenti
Nri 0, 13, 16, 17, 44, 55, 83, 93, 94, 95, 100, 115, 137, 144, 151, 152 u 153 tan-NU,
fir-rigward tal-proposti għall-emendar
għar-Regolamenti Tekniċi Globali Nri 7, 15 u 18,
fir-rigward tal-proposta għall-emendar għar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.3,
fir-rigward tal-proposti għal żewġ Regolamenti ġodda tan-NU
dwar il-moviment tar-rivers u dwar is-sistemi ta' informazzjoni ta' waqt it-tluq tal-vettura,
u fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali ġdid
dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE¹, l-Unjoni aderixxiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa (“NU/KEE”) li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f’vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta’ dawn il-preskrizzjonijiet (il-“Ftehim Rivedut tal-1958”). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta’ Marzu 1998.
- (2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE², l-Unjoni aderixxiet għall-Ftehim dwar l-istabbiliment ta’ regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f’vetturi bir-roti (il-“Ftehim Parallel”). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta’ Frar 2000.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta’ Novembru 1997 bil-għan tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li jikkonċerna l-adozzjoni tal-preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu jkunu ffittjati u/jew ikunu użati ma’ vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta’ dawn il-preskrizzjonijiet (“Ftehim Rivedut tal-1958”) (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta’ Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jitwāhħlu u/jew jintużaw f’vetturi bir-roti (“Ftehim Parallel”) (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

- (3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u t-tqegħid fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dak ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 (“Regolamenti tan-NU”) fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.
- (4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE (id-WP.29 tan-NU/KEE) jista’ jadotta l-proposti għall-emendar tar-Regolamenti tan-NU, tar-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU (GTRs tan-NU) u tar-Riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal Regolamenti tan-NU, għal Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU u għal Riżoluzzjonijiet tan-NU li jikkonċernaw l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 tan-NU/KEE jista’ jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU u jista’ jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.

¹ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta’ vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta’ sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

- (5) Matul il-182 sessjoni tal-Forum Dinji li se ssir fl-10 ta' Novembru 2020, id-WP.29 tan-NU/KEE jista' jadotta l-proposti għall-emendar għar-Regolamenti tan-NU Nri 0, 13, 16, 17, 44, 55, 83, 93, 94, 95, 100, 115, 137, 144, 151, 152 u 153, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar l-approvazzjoni ta' apparati għall-moviment tar-rivers u l-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-għarfien tas-sewwieq ta' utenti vulnerabbli tat-triq wara l-vettura, il-proposta għal Regolament ġdid tan-NU dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistema ta' informazzjoni għad-detezzjoni tal-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti waqt it-tluq tal-vettura, il-proposti għall-emendar tal-GTRs tan-NU Nri 7, 15 u 18, il-proposta għal Regolament Tekniku Globali ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku u l-proposta għall-emendar għar-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.3. dwar il-Kwalità tal-Arja Interna tal-Vettura. Barra minn hekk, id-WP.29 tan-NU/KEE għandu jadotta l-proposta għal awtorizzazzjonijiet biex tiġi żviluppata emenda għall-GTR Nru 8 tan-NU u biex jiġi żviluppat GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji ta' ġol-vettura.
- (6) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 tan-NU/KEE fir-rigward tal-adozzjoni ta' dawk il-proposti, minħabba li r-Regolamenti tan-NU se jorbtu lill-Unjoni u, flimkien mal-GTRs tan-NU u mar-Riżoluzzjoni Reċiproka, jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi.
- (7) Fid-dawl tal-esperjenza u tal-iżviluppi tekniċi, ir-rekwiżiti marbutin ma' ċerti elementi jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti Nri 0, 13, 16, 17, 44, 55, 83, 93, 94, 95, 100, 115, 137, 144, 151, 152 u 153 tan-NU kif ukoll mir-Riżoluzzjoni Reċiproka M.R.3., jeħtieġ li jiġu emendati jew issupplimentati.

- (8) Barra minn hekk, ċerti dispożizzjonijiet fil-GTRs Nri 7, 15 u 18 tan-NU jeħtieġ li jiġu emendati.
- (9) Sabiex ikun jista' jsir progress tekniku u sabiex jittejbu s-sikurezza tal-vetturi u l-ittestjar tal-emissjonijiet, jeħtieġ li jiġu adottati żewġ Regolamenti ġodda tan-NU dwar l-approvazzjoni ta' apparati għall-moviment tar-rivers u l-vetturi bil-mutur fir-rigward tal-għarfien tas-sewwieq ta' utenti vulnerabbli tat-triq wara l-vettura, u dwar l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tas-sistema ta' informazzjoni għad-detezzjoni tal-persuni bil-mixi u ċ-ċiklisti waqt it-tluq tal-vettura. B'mod parallel, jeħtieġ li jiġi adottat Regolament Tekniku Globali ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku.
- (10) Sabiex ikun jista' jsir żvilupp ulterjuri fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi, il-proposti għall-awtorizzazzjoni tal-iżvilupp ta' emenda għall-GTR Nru 8 tan-NU u ta' GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji ta' ġol-vettura jeħtieġ li jiġu adottati abbażi tat-talbiet mill-Partijiet Kontraenti tan-NU/KEE li jisponsorizzaw il-ħidma fuq il-GTRs tan-NU jew mill-korpi sussidjarji speċjalizzati tad-WP.29 tan-NU/KEE.

- (11) Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-interpretazzjoni tar-Regolamenti Nru 155 u 156 tan-NU, jenħtieġ li jiġu adottati l-proposti għal dokumenti ta' interpretazzjoni dwar iż-żewġ regolamenti, kif ukoll il-proposta għal linji gwida dwar l-użu tal-Bażi tad-*Data* għall-Iskambju tal-Approvazzjonijiet tat-Tip skont ir-Regolament Nru 155 tan-NU.
- (12) Fis-16 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/848¹ dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed fir-rigward tal-GTR Nru 7 tan-NU u tal-proposti għall-awtorizzazzjoni tal-iżvilupp ta' emenda għall-GTR Nru 8 tan-NU u ta' GTR ġdid tan-NU dwar id-durabbiltà tal-batteriji ta' ġol-vettura għall-181 sessjoni tad-WP.29 tan-NU/KEE, li saret fl-24 ta' Ġunju 2020. Madankollu, id-WP.29 ma kienx f'pożizzjoni li jivvota f'dik is-sessjoni u ddeċieda li jerġa' jressaq il-proposti għall-votazzjoni fis-sessjoni ta' Novembru,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/848 tas-16 ta' Ġunju 2020 dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Nru 13, 14, 16, 22, 30, 41, 78, 79, 83, 94, 95, 101, 108, 109, 117, 129, 137, 138, 140 u 152 tan-NU, fir-rigward tal-proposti għal modifiki tar-Regolamenti Tekniċi Globali Nru 3, 6, 7, 16 u 19, fir-rigward tal-proposta għal emendi għar-Riżoluzzjoni Konsolidata R.E.3. u fir-rigward tal-proposti għal ħames Regolamenti ġodda tan-NU b'rabta mas-sikurezza, mal-emissjonijiet u mal-awtomatizzazzjoni fil-qasam tal-vetturi bil-mutur (ĠU L 196, 19.6.2020, p. 5).

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-182 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NU/KEE li se ssir fl-10 ta' Novembru 2020 fir-rigward tal-proposti għall-emendar tar-Regolamenti Nri 0, 13, 16, 17, 44, 55, 83, 93, 94, 95, 100, 115, 137, 144, 151, 152 u 153 tan-NU, fir-rigward tal-proposti għall-emendar għar-Regolamenti Tekniċi Globali Nri 7, 15 u 18, fir-rigward tal-proposta għall-emendar għar-Risoluzzjoni Reċiproka M.R.3, fir-rigward tal-proposti għal żewġ Regolamenti ġodda tan-NU dwar il-moviment tar-rivers u dwar is-sistemi ta' informazzjoni ta' waqt it-tluq tal-vettura, u fir-rigward tal-proposta għal Regolament Tekniku Globali ġdid dwar id-determinazzjoni tal-potenza tal-vetturi li jaħdmu bl-elettriku¹ għandha tkun li tivvota favur.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST 11850/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.